# IL-VENTARTAL TA' SAN PUBLJU FIL-MUŻEW WIGNACOURT IR-RABAT

*Minn* **Evelyn Baluci M.A.**

Id-devozzjoni lejn San Publju hija waħda qadima, li għandha l-għeruq tagħha fil-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta. San Publju kien il-gvernatur ta' Malta waqt il-miġja ta' San Pawl f'Malta fis-sena 60 wara Kristu. Ir-raħal tar-Rabat f'Malta għandu storja antika ta' devozzjoni lejn dan il-qaddis. Kien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601-1622) flimkien mal-kavallier Fra Benagas da Cordova li bnew l-ewwel kappella ddedikata lilu fuq il-grotta fejn San Pawl għex waqt il-mawra tiegħu f'Malta[1]. Fra Benegas kien żar Malta bħala pellegrin fil-bidu tas-seklu sbatax u għex hawn għal madwar għoxrin sena, li matulhom il-kult ta' San Pawl u San Publju issaħħu ferm[2]. Għalhekk, il-knisja ta' fuq il-grotta, li maġenbha hemm dik ta' San Pawl, ġiet iddedikata lil San Publju.

Il-ventartal li huwa s-suġġett ta' dan l-artiklu, inħoloq biex iżejjen l-artal tal-knisja eżistenti. Din ġiet immodifikata fis-seklu sbatax minn Lorenzo Gafà fuq disinni ta' Francesco Buonamici u wara fis-seklu tmintax mill-arkitett Salvu Borg, meta ġiet ikkonsagrata fis-sena 1731[3]. Il-ventartal inħadem għall-artal preżenti u kien għadu jintuża sa ftit snin ilu. Illum jinsab fil-Mużew Wignacourt, ir-Rabat.

Dan il-ventartal huwa wieħed mill-ftit li jinsabu hawn Malta li huwa ddekorat bir-rakkmu u li nħadmu fis-seklu tmintax. Żewġ ventartali oħra ta' din ix-xorta jinsabu, fost oħrajn, fil-kollezzjoni tal-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Dawn kienu ġew maħduma speċifikament fuq kummissjoni tal-Gran Mastru Nicolas Cottoner (1663-1680). Dawn kienu jiffurmaw parti minn sett komplut ta' vesti liturġiċi bojod irrakkmati bi fjuri realistiċi u kkuluriti fuq sfond abjad, simili għall-ventartal tar-Rabat. Ma nafux jekk dan kienx parti minn sett komplut, però l-użanza kienet li l-ventartal ikun parti minn sett pariġġ biex jintużaw flimkien speċjalment fi ġranet ta' festa. Is-settijiet bi sfond abjad kienu jintużaw ħafna fis-sekli sittax u sbatax fil-festi tal-Madonna, filwaqt li l-kulur aħmar huwa l-kulur assoċjat mal-martri. Skont it-tradizzjoni, San Publju miet martri, allura huwa rrappreżentat fuq dan il-ventartal bil-palma tal-martirju f'idejh. Però, ir-rakkmu li jiddekora din l-opra qiegħed fuq sfond abjad biex jeżalta iktar ix-xogħol u l-kuluri li fih.

Għalkemm ma nafux min ikkummissjona jew ħadem fuq dan il-ventartal, żgur li dan kien xogħol li sewa ħafna flus u li, minħabba l-użu



*Il-Ventartal ta' San Publju, ir-Rabat, Malta*

tal-ħajt tad-deheb u tal-ħarir, involva nies ta' sengħa kbira. Id-disinn tiegħu huwa ċċentrat madwar rappreżentazzjoni rrakkmata ta' San Publju. Peress li San Publju, skont it-tradizzjoni, sar l-ewwel Isqof ta' Malta, narawh liebes sal-inqas dettall il-vesti ta' isqof – il-kappa, il-mitra, l-ingwanti u ż-żarbun aħmar, filwaqt li f'idejh liebes iċ-ċurkett episkopali u qed iżomm il-baklu. Ir-rakkmatur (jew rakkmaturi) użaw punti tar-rakkmu b'talent u maestija kbira biex ħarġu effetti ta' drappijiet differenti, ix-xagħar u d-daqna tal-qaddis, kif ukoll id-dettall ta' wiċċu. Huwa qiegħed bilwieqfa, quddiem sfond ta' sema ikħal u xi siġar li huma rrakkmati wkoll. Din it-tip ta' kompożizzjoni kienet saret popolari fi żmien ir-Rinaxximent u baqgħet tintuża fi żmien il-Barokk, meta nħadem dan ix-xogħol. Ix-xena hija mdawra minn gwarniċ tond li minnu ħerġin raġġi bħal tax-xemx, kollha maħdumin minn ħjut tad-deheb.



*Dettall li Juri l-Figura ta' San Publju*

Id-dekorazzjoni li timla l-kumplament tal-ventartal hija wkoll irrakkmata fuq drapp li minnu nnifsu huwa prezzjuż għax maħdum minn ħarir bajdani u fih hemm minsuġa ħjut tad-deheb *(lamé)*. Il-kompożizzjoni hija maħluqa minn friegħi u weraq, kollha maħdumin minn ħajt tad-deheb fuq sfond imbottit li joħloq effett ta' riljev. Qalb il-friegħi wieħed jibda jiskopri varjetà impressjonanti ta' fjuri, frott u kreaturi ċkejknin li tant huma realistiċi li tista' tgħid eżatt x'inhuma. Kollha huma rrakkmati minn ħajt fin tal-ħarir f'kuluri brillanti. Fost il-fjuri, insibu t-tulipani, il-qronfol, il-ġilju, tipi differenti ta' ward, il-vjola u r-ranċis. Fiż-żmien meta nħadem dan il-ventartal, dawn il-fjuri kollha kellhom sinifikat simboliku li jintrabat mal-kult tal-Madonna. Il-Madonna hija l-Warda Mistika. Il-ġilju u l-vjola jfissru l-purità u l-kastità tagħha, filwaqt li t-tulipan u l-qronfol jissimbolizzaw l-imħabba tagħha. Ir-ranċis ifakkarna fl-imħabba kif ukoll fil-ħajja eterna, ir-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażen, li saret permezz tal-Madonna. Dawn il-fjuri huma maħdumin fuq sfond abjad – dan il-kulur huwa wkoll assoċjat mal-purità Tagħha.



*Żewġ dettalji li juru tulipan u vjola*



Filwaqt li l-fjuri huma element dekorattiv pjuttost komuni fl-ilbies liturġiku, il-preżenza ta' ħlejqiet oħra hija iżjed rari. Imferrxin qalb il-weraq wieħed jista' jinnota farfett, wiżgħa, larva tal-farfett, bebbuxu, ġurat, kif ukoll tliet għasafar (pagun, gardellin u sponsun). Dawn il-kreaturi mhux qegħdin hemm biex isebbħu jew jimlew il-vojt biss, iżda huma wkoll, bħall-fjuri, għandhom sinifikat simboliku. Hekk kif il-larva tittrasforma ruħha f'farfett, huma jsiru

metafori tar-reżurezzjoni u s-salvazzjoni tar-ruħ. Il-bebbuxu jġorr miegħu il-qoxra, li jitfaċċa minnha bħal bniedem ħiereġ minn ġo għar. F'kuntest reliġjuż dan kien simbolu tat-tindif tar-ruħ mid-dnub u għalhekk simbolu tar-reżurezzjoni. Il-pagun, kif ukoll il-wiżgħa huma assoċjati mar-reżurezzjoni u mat-twelid mill-ġdid fil-fidi nisranija. Il-ġurat ukoll għandu sinifikat simili – il-konverżjoni mill-paganiżmu. Għalhekk, dawn il-kreaturi għandhom messaġġi simboliċi relatati ma' San Publju, li kien pagan u kkonverta permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu biex b'hekk iggwadanja l-ħajja ta' dejjem.



*Dettall li Juri Pagun Imserraħ fuq Fergħa ta' Pjanta tal-Frawli*

Il-preżenza ta' tipi differenti ta' frott hija wkoll mhux tas-soltu fuq ventartal. Il-frawli għandhom weraq partikolari, magħmulin minn tliet werqiet f'waħda. Għalhekk dawn jirrappreżentaw it-Trinità Qaddisa, filwaqt li l-lewn aħmar tagħhom ifakkarna fid-demm tal-martirju. It-truf tal-ventartal huma rrakkmati f'disinn dettaljat li jifforma bordura. Id-dekorazzjoni tikkonsisti f'važuni li minnhom joħorġu friegħi u frott tar-rummien, frawli, lanġas u għeneb. Dawn tal-aħħar għandhom konnessjoni ċara mal-Ewkaristija. Ir-rummien insibuh ħafna drabi fil-pitturi reliġjużi f'idejn il-Bambin Ġesù u huma wkoll simboli Ewkaristiċi. Il-lanġas għandhom ukoll assoċċazzjoni Ewkaristika, però jfakkruna wkoll fl-arma araldika tal-Gran Mastru Perellos (1697-1720). Forsi din il-bordura ġiet riutilizzata minn xi biċċa xogħol iktar antika li nħadmet fi żmien dan il-Gran Mastru. Din kienet prattika komuni, għaliex dawn il-biċċiet irrakkmati tant kienu prezzjużi u tant kien fihom xogħol li qatt ma kienu jintremew.

Għalkemm ma nafux min ħadem dan il-ventartal, huwa possibbli li nħadem Malta stess minn xi nisa tad-dar li xtaqu juru d-devozzjoni tagħhom lejn il-qaddis jew nisa oħrajn li kienu jagħmlu dan ix-xogħol bi ħlas. It-tradizzjoni tax-xogħol tar-rakkmu hija waħda antika f'Malta . Is-sorijiet tal-klawsura ta' Sant'Ursola l-Belt ilhom jagħmlu dan ix-xogħol għal ħafna snin[4]. Ir-rakkmu kien jintuża ħafna wkoll biex iżejjen il-ħwejjeġ tas-sinjuri u tant kienu jintefqu flus u jiddandnu bil-ħwejjeġ irrakkmati, li xi drabi l-Gran Mastri, fosthom Jean de Valette, Jean Paul Lascaris u Martin de Redin, għaddew liġijiet li jipprojbixxu t-tiżjin bir-rakkmu, ħlief f'okkażjonijiet verament speċjali bħaċ-ċentinarju tal-Assedju l-Kbir[5]. Dawn il-liġijiet, però, ma kinux japplikaw għall-Knisja, allura x-xogħol bir-rakkmu fuq il-vesti liturġiċi baqa' jsir.

L-istil li bih inħadem dan il-ventartal mhux uniku għal Malta u għandu oriġini mill-Medjuevu. Insibuh kemm fuq ħwejjeġ liturġiċi kif ukoll ħwejjeġ pajżana. Fil-*Victoria and Albert Museum* insibu ġakketta maħduma madwar is-sena 1600 iddekorata b'weraq, fjuri u ħlejqiet żgħar – friefet, għasafar u larva. Eżempju ieħor ta' rakkmu simili, din id-darba fuq pjaneta, jinsab ġo *Palazzo Pitti*, Firenze. Din il-pjaneta, fost l-iżjed



*Dettall li Juri l-Bordura b'Varjetà ta' Frott*

importanti fil-kollezzjoni tal-palazz, ingħatat bħala rigal mill-Imperatriċi Maria Teresa. Il-vesti rrakkmati huma dejjem prestiġjużi ħafna propju minħabba x-xogħol li kien jinvolvi r-rakkmu u l-valur intrinsiku tagħhom. Tant kien popolari x-xogħol fir-rakkmu li kienu jiġu ppubblikati kotba bid-disinni speċifikament għalihom. Għalhekk wieħed jista' jsib disinni simili f'postijiet differenti u mbiegħda, bħal dawk imsemmija hawnhekk.

Il-ventartal ta' San Publju għandu jiġi apprezzat bħala opra ta' arti mportanti. Il-fatt illi issa tpoġġa fil-Mużew Wignacourt huwa pass importanti biex jiġi ppreżervat u vvalorizzat. Ħafna xogħlijiet simili mhumiex apprezzati biżżejjed u ħafna drabi jibqgħu jintużaw sa ma jinqerdu. Fil-knejjes ta' Malta għadna nsibu ħafna xogħlijiet fid-drapp, li għalkemm forsi mhumiex kollha rrakkmati jew antiki daqs dan il-ventartal, xorta jisthoqqilhom attenzjoni u kura biex jiġu mgħoddija lill-ġenerazzjonijiet futuri bħala eżempji mportanti ta' opri tessili u parti mill-kultura unika ta' pajjiżna. ■

---

1 Mgr John Azzopardi (ed.), *St Paul's Grotto and the Pauline Cult 1600-1624*, Malta, 2006, p. 5

2 Achille Ferris, *La Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, 1866, Malta, p. 106-107

3 P. Gorg Aquilina OFM, *Is-Sorijiet Gerosolimitani, Il-Knisja u l-Monasteru ta' Sant'Ursola Valletta*, PEG Ltd, 2004

3 Conrad Thake, *Baroque Churches in Malta*, Arcadia Publishers, 1995, p. 126

4 Giovanni Bonello, "Laws vs Fashion The Maltese Saga" in Nicholas De Piro and V.A. Cremona (ed.), *Costume in Malta*, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 1998.


# MEMORABILIA

Tul dawn il-ħames snin, l-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta ħarġet diversi pubblikazzjonijiet u tifkiriet, ilkoll bil-għan biex jikber il-kult lejn San Publju. Fost dawn, wieħed jista' jakkwista: kot ba, santi, *stickers, colouring books, keychaings, biros*, brieret u *mugs*.





**Basso riljev biex jikkommemora l-ħames snin mit-twaqqif tal-Assoċjazzjoni Publju ta' Malta**

Fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħames snin mit-twaqqif tagħha,
l-Assoċjazzjoni nidiet edizzjoni limitata ta' basso riljev bl-immaġni ta' San Publju. Dan huwa xogħol taċ-ċeramika li jsir kollu bl-idejn. Tista' takkwista din it-tifkira artistika għall-prezz ta':

Ċermika bil-kulur: **€40.00**
**Ċeremika b'kulur wieħed: €25.00**
**Terracotta: €15.00**

e-mail: publjumlt@gmail.com